L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Ir-Reġistrazzjoni tal-Ismijiet ta’ Wliedna bil-Malti**

**It-tieni tfakkira mill-Akkademja tal-Malti**

B’referenza għall-artiklu li deher fis-*Sunday Times of Malta* tal-20 ta’ Settembru 2020 li fiha ċittadin xtaq jirreġistra l-isem ta’ bintu li fih l-ittra "ż", l-Akkademja tal-Malti tfakkar lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alex Muscat, li huwa responsabbli mir-Reġistru Pubbliku, biex jieħu passi minnufih u jsolvi din il-problema mill-aktar fis.

L-Akkademja kienet diġà ppubblikat stqarrija uffiċjali bl-isem “Ir-Reġistrazzjoni tal-Ismijiet ta' Wliedna bil-Malti” erba’ xhur ilu. Ftit ġranet wara, l-Onor. Muscat kien wiegħed li din il-kwistjoni kellu jsolviha ma jdumx.

Intant, għadna qed nistennew.

Il-Kunsill

29.09.2020

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant’Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org